# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 24 t'April tas-sena 2001.**

**Numru 40**

**Avviz numru 42/00/SM**

**Joseph Grech u martu Sonia Grech**

**vs**

**Mario Pace**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-13 ta' Jannar tas-sena 2000 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

1. **Ihallas lill-attur is-somma ta' mitejn u hamsin Lira Maltin u hamsin centezmu (LM250.50,0) jew somma verjuri ammont minnu dovut bhala danni minnu kkagunati lilhom meta nhar it-28 ta' Dicembru, 1998 gewwa Triq Wistin Levanzin, Fgura, b'imperizja, negligenza u nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tat-traffiku hu ghamel hsara lid-dar taghhom meta waqt li kien qieghed isuq truck (skip) bin-numru DAD-119**

**gibedt cable tal-azzar bil-konsegwenza li l-faccata tad-dar taghhom ingibdet;**

**2. Bl-ispejjes u bl-imghax inkluz dawk ta' l-ittra interpellatorja u ufficjali tad-9 ta' Gunju, 1999 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-28 ta' Jannar tas-sena 2000 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi l-incident imsemmi mill-atturi ma garax tort u htija tieghu u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**

**2. Illi stante li dan l-incident ma garax tort tieghu, l-ebda ammont ma huwa dovut lill-atturi in linea ta' danni u ghalhekk it-talbiet taghhom ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;**

**3. Salve eccezzjonijiet ohra;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-konvenut kien qed isuq "skip" fi Triq Wistin Levanzin, Fgura, fit-28 ta' Dicembru ta' l-1998 meta' hu u miexi qabad l-armar tal-Milied li kien hemm imdendel fit-Triq;**

**2. Illi konsegwenza ta' dan il-konvenut qaccat xi irbit likien hemm u anke gibed mieghu l-istess armar natalizju, bil-konsegwenza li qala' xi gebel minn posthom mill-fond proprjeta' ta' l-atturi;**

**3. Illi ghalhekk ittiehdet din il-procedura fil-konfront tal-konvenut;**

4. **Illi periti nomminati mill-partijiet wasslu ghall-konkluzjonijiet ferm differenti ghal dak li jirrigwarda l-ammont ta' danni kkagunati u ghall-ispejjez dovuti biex jirripristinaw il-fond proprjeta' ta' l-atturi fl-istat li kien originarjament;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-konvenut stieden lil din il-qorti tichad it-talba attrici ghaliex minn wahhal id-dekorazzjonjiet natalizji de quo kellu qabel xejn jottjeni l-permessi necessarji, haga li ma tirrizultax;**

**Illi ghandu jinghad li l-kwistjoni li fuq din il-qorti hi tenuta li tesplora hi biss il-kwistjoni ta' responsabbilita' tad-danni kagunati u l-kwistjoni sollevata fil-paragrafu precedenti tistraripa l-limitazzjonijiet tal-procedura odjerna;**

**Illi mill-qbija din il-qorti hi sodisfatta li l-atturi ppruvaw il-kaz taghhom skond il-ligi u konsegwentement filwaqt li tiddikjara lill-konvenut Mario Pace responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi tikkundannah ihallas is-somma ta' danni likwidata fl-ammont ta' mitejn u hamsin Lira Maltin u hamsin centezmu, (LM250.50,0), lill-atturi Joseph u Sonia konjugi Grech, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mitluba.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**